A.L. 185 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2005 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Education (Administration and Management) – P.G. Dip. Ed.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fl-2003 jew wara.

L-Eliġibilita' għad-Diploma

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, l-istudenti għandhom:

(a) jkunu rreġistrati bħala studenti regolari ta' l-Universita';

(b) jtemmu l-programm ta' studji kif preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżla f'dawn ir-regolamenti u f'xi statuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

4. (1) Biex jidħlu għall-Kors, l-applikanti għandu jkollhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad fl-edukazzjoni minn din l-Universita' jew minn universita' rikonoxxuta oħra, flimkien ma' ħames snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time;* jew

(b) grad u Postgraduate Certificate in Education minn din l-Universita' jew minn universita' rikonoxxuta oħra, flimkien ma' ħames snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time;* jew

(ċ) ċertifikat ta' għalliem minn kulleġġ ta' l-edukazzjoni rikonoxxut, flimkien ma' għaxar snin esperjenza ta' tagħlim fuq bażi *full-time.*

(2) Il-Bord jista' jikkonsidra wkoll applikanti li jaħdmu f'pożizzjoni amministrattiva f'istituzzjoni edukattiva, f'livell ta' mhux anqas minn assistent kap ta' skola.

(3) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba jattendu għal intervista sabiex tiġi valutata d-dispożizzjoni tagħhom biex isegwu l-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*. Il-Bord jista' jħalli lill-istudenti jtemmu l-Kors f'mhux aktar minn tlett snin. Is-Senat jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fuq il-parir tal-Bord, jagħti lill-istudenti sena żejda ta' studju.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-Kors huwa magħmul minn taqsimiet studju, li għalihom hemm assenjati 60 kredtu ECTS fl-oqsma li ġejjin:

(a) Theory and Practice of Educational Management
(b) Leadership and School Ethos
(ċ) Creating and Managing a Stimulating Learning Environment
(d) Promoting Quality Education
(e) School Development Issues
(f) Managing Schools for Quality Service to the Community
(g) Esej Twil jew Proġett.

(2) Il-katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodu ta' valutazzjoni (normalment permezz ta' xogħol matul il-kors, li jista' jinkludi xogħol bil-miktub, proġetti, u eżami fit-tmiem tat-taqsima studju), flimkien mal-piż mogħti għal kull komponent, għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(3) Għandu jinħatar Ko-ordinatur tal-Kors li jkun responsabbli biex iħejji l-katalgu tat-taqsimiet studju kif ukoll għall-preparazzjoni tal-materjal għall-Kors jew jara li dan il-materjal tħejja, bil-ko-operazzjoni u bl-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Matul il-Kors, l-istudenti jkunu valutati fit-taqsimiet studju skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord.

(2) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma jekk huma jiksbu s-60 kredtu ECTS li hemm assenjati għall-Kors.

(3) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u ta' l-Esej Twil/Proġett għandhom ikunu ppubblikati bħala marka perċentwali u grad kif indikat fit-tabella hawn taħt:

Firxa tal-Marki	**Grad**
80% - 100%	A
70% - 79%	B
55% - 69%	C
45% - 54%	D
0 - 44%	F

Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku ta' l-istudenti. Madankollu, il-marka perċentwali biss għandha tintuża biex ikunu kkalkulati l-progress ta' l-istudenti mill-ewwel sena għat-tieni sena u l-klassifikazzjoni finali tad-Diploma.

(4) L-istudenti li jeħlu f'xi komponent tal-valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettu x-xogħol jew il-proġetti tagħhom, jew jerġgħu jagħmlu l-eżami darba biss fis-sessjoni ta' l-eżamijiet li jmiss. Jekk jgħaddu, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

(5) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni mill-ġdid ta' taqsima studju jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

7. (1) L-istudenti għandhom jissottomettu Esej Twil, ta' madwar għaxart elef kelma, jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti.

(2) Is-suġġett ta' l-Esej Twil jew tal-Proġett għandu jingħata għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji mhux aktar tard minn disa' xhur mill-bidu tal-Kors.

(3) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fl-Esej Twil/Proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba fi żmien perijodu ta' tnax-il xahar.

Ir-Riżultat Finali

8. (1) Ir-riżultati finali ta' l-istudenti kollha għandhom iqisu r-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha u fl-Esej Twil/Proġett, li għandhom jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għal kull komponent.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.